Lulju 2017 — Ħarġa 300

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Nistrieħu fil-Mulej...

L-ilma li ma jitħawwadx u ma jiċċaqlaqx isir qiegħed u ma jibqa' tajjeb għal xejn. Dan li jiġri meta l-ħajja tagħna tistaġna għax il-ħin kollu għaddejjin minn ħaġa għal oħra. Jekk ngħixu l-ħajja tal-magna li tagħmel dejjem l-istess ħaġa, nkunu qed nitilfu s-sabiħ tal-ħajja u tal-familja. Il-familja hija t-tama tagħna u dik li tgħinna nħarsu lil hemm mill-kuntrarju, mill-għlied u mill-affarijiet tal-mument li jinqalgħu.

**Għandna bżonn nistrieħu fil-Mulej mal-familja.**

Is-sajf huwa l-ħin opportun fejn noħolmu dwar il-ġejjieni tagħna. L-ommijiet u l-missirijiet kollha joħolmu għal uliedhom. Ma jistax ikun hemm familja mingħajr il-ħolm. Nirrikkmandalkom sabiex das-sajf issibu ħin ta' mistrieħ u toħolmu flimkien għall-ġejjieni tal-familja tagħkom u ta' wliedkom.

Inħeġġiġkom ukoll sabiex issibu mument ta' mistrieħ fil-Mulej. Dan jitlob minna waqfa mill-ħafna dmirijiet u attivitajiet ta' kuljum. Alla jkellimna wkoll fil-jiem ta' mistrieħ u fil-ħolm tal-ħajja tagħna. Għalina l-insara, il-quddiesa tal-Ħadd hija mument sabiħ ta' ċelebrazzjoni fi tmiem ġimgħa ta' taħbit bix-xogħol. Għal din ir-raġuni inħeġġiġkom sabiex matul il-jiem tas-sajf u tal-vaganzi niċċelebraw flimkien il-quddiesa tal-Ħadd. L-Ewkaristija tal-Ħadd iġġibna viċin ta' Alla u ta' xulxin sabiex inkomplu ngħixu fil-preżenza ta' Alla, fl-imħabba ta' bejnietna, fis-sagrifiċċju u fil-ħidma tagħna fil-familja, afdata lilna minn Alla, li tkompli tibnina f'komunità li tfittex dejjem li tissaħħaħ.

**Nitolbu jfisser nistrieħu fil-Mulej.**

Il-mistrieħ hu wkoll essenzjali għas-saħħa spiritwali tagħna, għax nistgħu nisimgħu l-leħen ta' Alla u nifhmu x'qed jitlob minna permezz tat-talb.

L-aħwa, il-ġejjieni tal-familja kif qal ta' spiss San Ġwanni Pawlu II, jgħaddi permezz tal-familja. Mela, ħarsu lill-familji tagħkom! Ipproteġu lill-familji tagħkom f'kull ħin u f'kull esperjenza li tgħaddu minna bħala familja, kemm sabiħa u anke inqas sabiħa! Kuraġġ!! Nawguralkom sajf mimli mistrieħ u ħolm li jwassalna biex inwettqu l-ħolma ta' Alla flimkien u ma' Ġesù bis-saħħa tal-Kelma u tas-Sagramenti tiegħu.

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan





# Il-Kult ta' Sant'Anna

*minn Anton Attard*

Mill-Kotba Mqaddsa ma niksbu ebda tagħrif dwar Sant' Anna. Il-ftit li nafu nisiltuh mit-tradizzjoni u minn kitbiet apokrafi, li jispikka fosthom il-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu, li hu wieħed mill-eqdem sorsi ta' informazzjoni dwarha. Iżda dwar qdusitha ma jistgħu jitqanqlu ebda dubji.

**Il-Firxa tad-Devozzjoni fil-Knisja Universali**

Il-qima lejn din il-qaddisa aktarx li xterdet mil-Lvant. Li nafu hu li fis-Seklu VI, l-Imperatur Ġustinjanu, bena knisja ddedikata lilha f'Kostantinopli. Sat-Tmien Seklu kienet resqet lejn il-Punent ukoll, għax fil-Knisja ta' S.Maria Antiqua f'Ruma hu magħruf li kien hemm xi relikwi tagħha. Fl-aħħar taż-Żminijiet tan-Nofs u minkejja x-xiżma Luterana, il-kult tagħha xtered mal-Ewropa kollha.

Fl-1378, Il-Papa Urbanu VI, permezz tal-*Bolla Splendor,* ħajjar il-qima lejn Sant' Anna fl-Ingilterra. Hemm bdiet tiġi ċċelebrata l-festa tagħha u mal-medda tas-snin spiċċat ukoll il-patruna tal-Knisja Ingliża.

Il-Papa Girgor XIII kien iddikjara s-26 ta' Lulju bħala festa liturġika lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin u l-Knisja Universali bdiet tagħrafha wkoll bħala l-qaddisa patruna tar-romol, tan-nisa fit-tqala, tal-ommijiet, tal-ħaddiema tal-minjieri u tal-baħħara.

**F'Malta u Għawdex**

Il-qima lejn Sant' Anna f'dawn il-Gżejjer tmur lura mijiet ta' snin. Fl-1575, il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Dusina jikkonferma l-eżistenza ta' żewġ knejjes deskritti bħala 'antiki' ddedikati lilha. Hu jsemmi waħda f'Ħal Qormi, f'qasam magħruf bħala *Ta' Berti* u oħra f'Għawdex qrib *Wied il-Mielaħ*. Tradizzjonalment jinżamm li l-inkwatru titular ta' din il-kappella jinstab fil-Knisja taż-Żejt fil-Għarb. Min-nofs is-Seklu XVII 'il quddiem, frott il-ħidma tal-Ġiżwita Pietro Sabuco, id-devozzjoni lejn Sant' Anna kompliet tinfirex ħafna aktar.

Qadima daqshom jekk mhux aktar minnhom, hemm il-Knisja ddedikata lilha li nbniet f'Kastell Sant' Anġlu lejn l-1450 mill-'Kastellani De Nava'. Fl-1530, għaddiet għand l-Ordni ta' San Ġwann, u kompliet titkabbar biex taqdi l-ħtiġijiet tal-kavallieri, speċjalment tal-Gran Mastru. B'hekk kisbet importanza kbira, tant li l-ewwel erba' Gran Mastri li mietu f'Malta: L-Isle Adam, Del Ponte, D'Homedes u La Sengle kienu ndifnu fiha. Għadha tfakkar dan lapida bi skrizzjoni bil-Latin, li tqiegħedet fiha wara li l-fdalijiet tagħhom ġew trasportati għall-kripta tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.



*L-artal maġġur u l-istatwa fil-knisja l-qadima ta' Sant'Anna*

## *jinfirex minn tarf sa tarf tal-Gżejjer Maltin*

L-istess kien għamel l-Ordni meta tkabbar Forti Sant Iermu. Kappella antika li kien hemm ġiet iddedikata lil Sant' Anna u fiha tqiegħdet ix-xbieha antika u devota mnaqqxa fl-injam, li għadha hemm sal-lum, u li lejha l-kavallieri kellhom devozzjoni kbira. Jinżamm li din kienet ix-xbieha titulari tax-xini kapitana tal-Ordni li kienet issemmiet għal Sant' Anna. Kienet ittieħdet Sant' Iermu wara li x-xini qdiemet u tkissret għall-ħabta tal-1660. Din il-kappella, fl-1729, fuq ordni tal-Gran Mastru Perellos, devot magħruf ta' Sant' Anna, kienet twaqqgħet biex minflokha nbniet waħda akbar.

Aktar m'għadda żmien, aktar komplew jinbnew knejjes jew kappelli ddedikati lil Sant' Anna. Minn ta' quddiem kienet waħda fil-Qrendi permezz tal-benefattur Ġamri Schembri. Kien ħareġ il-fondi biex wettaq wiegħda li kien għamel fl-Assedju l-Kbir. Għall-mijiet ta' snin wara, baqgħet tiġi ffrekwentata mill-parruċċani. Dan joħroġ mill-fatt li fl-1796, fuq inizjattiva tal-kappillan Dun Anton Mizzi u l-prokuratur tagħha Ġanni Borg, kien sar xi restawr.

Fil-Pwales inbniet knisja oħra ddedikata lill-Qaddisa. Saret frott il-ġenerożita' ta' Dun Viċenż Galea. Fl-antik kienet magħrufa bħala 'Tal-Vitoria'. Wara xi snin ġiet ipprofanata. Iżda tbierket u nfetħet mill-ġdid mill-Isqof Astiria, fl-1672.

Waħda mill-isbaħ knejjes storiċi ddedikati lil Sant Anna tinsab fil-Birgu. Billi hija tas-Sorijiet Benedittini, f'dik il-belt aktar isibuha bħala ta' Santa Skolastika. Din kienet knisja antika ħafna u nbniet mill-ġdid fl-1679 meta l-Isqof Molina bierek l-ewwel ġebla fis-7 ta' Mejju ta' dik is-sena stess u ġiet imbierka f'Lulju ta' sena wara mill-Vigarju Ġenerali Mons. Famucelli. Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini f'Settembru tal-1787. F'nofs is-Seklu Sbatax, il-faċċata ta' barra inbniet mill-ġdid fuq disinn tal-arkitett famuż Lorenzo Gafa. L-inkwatru titular hu wieħed mill-isbaħ xogħlijiet ta' Mattia Preti. Għal ħabta tal-1958, is-sorijiet kisbu statwa ta' Sant Anna, xogħol tal-istatwarju Ġlormu Dingli biex tkun esposta fil-knisja f'jiem il-festa, li tiġi ċċelebrata solennement fis-26 ta' Lulju kull sena.

Fis-sjuf ta' tmiem is-Seklu Dsatax, Wied il-Għajn beda jkun imfittex ħafna min-nies tal-Kottonera. Fost dawn kien hemm membri tal-Kapitlu tal-Isla, inklużi Dun Karm Mousu' Borg u Dun Ġużepp Portelli. Fl-1895, il-Kapitlu Senglean aċċetta x-xewqa u rakkomandazzjoni tagħhom u bdiet tinbena knisja żgħira fit-triq li aktar tard issemmiet Triq La Sengle. Din ġiet iddedikata lil Sant' Anna, omm il-Bambina, patruna tal-Isla. Ġiet imbierka fl-1903 u fl-1918 saret knisja viċi-parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar

Meta qajl, qajl, il-villaġġ beda jikber, deher li kien xieraq li dan jinqata' minn Ħaż-Żabbar u jsir parroċċa għalih. Tant li l-Arċisqof Gonzi, fil-15 ta'



*Il-pussess ta' Dun Tarċis Agius fil-Knisja l-qadima. 1949*

Marzu 1949, ħareġ id-digriet li permezz tiegħu Wied il-Għajn sar parroċċa. B'hekk, din il-knisja tas-Sengleani, saret l-ewwel knisja parrokkjali ta' dan il-villaġġ. Hija ħasra li knisja bi prestiġju daqstant storiku tħalliet tispiċċa fl-istat li tinsab fih illum.

F'nofs is-seklu li għadda, wara żieda ta' residenti ġodda, il-kappillan Dun Tarċis Agius ħass il-ħtieġa għal knisja akbar u beda ħidmietu biex dan il-għan jintlaħaq. Inħażżet pjanta mill-Perit William Micallef flimkien mas-Sur Vinċenz Bonello u fid-9 ta' Awwissu 1953 l-Isqof Galea bierek l-ewwel ġebla.

Dun Tarċis iltaqa' ma' diversi problemi u x-xogħol kellu jieqaf. Dan tkompla wara disa' snin, mal-ħatra tal-kappillan Dun Joe Carabott. Biex tonqos in-nefqa u x-xogħol seta' jitkompla, il -Perit Joseph Borg Grech ħejja pjanta ġdida, biex il-knisja parrokkjali issa bi stil Romanesk, tbierket nhar il-21 ta' Lulju 1973.

Id-dehra minn barra kompluta tal-lum seħħet fi żmien il-kappillan Dun Charles Abela li, fuq disinn tal-Perit Vincent Centorino, fid-9 ta' Ottubru 1988, beda l-bini tal-kampnar, iżda kien fi żmien il-kappillan Dun Willie Vella li tlesta x-xogħol tal-bini tiegħu.

Fl-istess żmien, fiż-Żebbiegħ limiti tal-Imġarr, inbniet knisja ddedikata lil Sant' Anna. Telgħet fuq art mogħtija min-Nobbli Testaferrata fl-1976, meta kien kappillan Dun Kalċidon Vassallo. Il-pjanta saret mill-Perit Carm Lino Spiteri u nhar l-20 ta' Settembru 1987, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca bierek u qiegħed l-ewwel ġebla.

F'Għawdex, il-knisja waħdanija ddedikata lil Sant' Anna qiegħda fid-Dwejra, limiti tar-raħal ta' San Lawrenz. Tlestiet fl-1963 fuq inizjattiva tas-Sależjan Dun Alwiġ Mizzi. Il-festa tagħha tiġi ċċelebrata solennement f'Lulju. Din il-knisja tkun iffrekwentata minn għadd kbir ta' devoti, tista tgħid, tul is-sena kollha, billi jfittxuha ħafna għall-preżentazzjoni tat-trabi, magħmudijiet jew biex jirringrazzjaw lil Sant' Anna għal xi grazzja li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tagħha, wara xi wegħda li jkunu għamlu.

*Anton Attard*

*(Referenzi mixtieqa jistgħu jinkisbu mingħand l-awtur)*



*L-ewwel disinn tal-knisja parrokkjali ġdida*

**Bejn it-23 u t-30 ta' Lulju 2017**
**niċċelebraw il-Festa Parrokkjali tagħna.**
**Jekk jogħġobkom insegwu l-programm tal-festa**
**mill-Ktieb tal-Festa.**
**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.**